MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 12/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Mario Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Bugeja**, bin Francis u Mary neé Haber, imwieled fl-10 ta' Novembru, 1972, residenti fil-fond Ave Maria, Triq Zghawri, Munxar, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 28472(G), akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u

li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. qabel l-20.08.2005 bhala sid tal-fond *Ta' Cenc Discount Store*, Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex u bhala persuna li fuqu huwa rregistrat il-*meter* tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. ghamel hsara fuq l-istess *meter* tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara tammonta ghal ghaxar liri Maltin (Lm5).[1]

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba, barra l-piena stabbilita, tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-*Proces Verbal* Numru 86/07 redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona (Dok. "JA" – *a fol.* 13 *et seq.*) fejn gie konkluz is-segwenti:

> "Inghad dan ghalhekk jirrizulta fuq bazi ta' 'prima facie' li hemm bizzejjed materjal sabiex jittiehdu l-opportuni proceduri kif spjegat mill-espert, l-Avukat Mompalao" (*a fol.* 19).

[1] Dan huwa l-mod kif gew miktuba l-kliem u n-numru fit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 168).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fis-6 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti, fost l-ohrajn, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (*a fol.* 171).

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 175), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 183 *et seq.*), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-26 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 184 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2010, xehed **Mario Pavia** (*a fol.* 10) fejn spjega li Mario Bugeja ta' *Ta' Cenc Discount Store* kellu l-*cover*

tal-*meter* imbewwaq u l-*wooden board* ma kienitx imwahhla sewwa mal-hajt. Dan xehdu wkoll fl-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 43). Jghid li ma kellhomx tracci ta' jekk din kienitx xi haga ricenti jew le.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 80 *et seq.*), jghid li l-*cover* kien plastik tat-tip *perspex*. Jghid li l-*meter* in kwistjoni twahhal fit-2 ta' Settembru 1997 u li qabel kien f'isem Mario Pisani. Jghid li meta uza l-kelma "imbewwaq" ried ifisser mhux lixx. Jixhed li meta acceda fuq il-post il-*meter* kien qed jahdem normali. Jghid li l-*meter* ma kienx imwahhal tajjeb mal-hajt fis-sens li l-*wooden board* ma kienitx soda mal-hajt b'konsegwenza li l-*meter* jista' jigi affettwat peress li d-diska li tirregistra l-konsum tad-dawl ma ddurx tajjeb. Jghid li biex jitbewwaq il-*cover* mhix kwistjoni ta' sahha pero kwistjoni ta' temperatura u dana peress li hija t-temperatura li tbewwaq il-plastik.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' April 2011, xehed **PS 1424 Mario Xiberras** (*a fol.* 51 *et seq.*) fir-rigward tar-rapport li huwa rcieva minn ghand Mario Pavia (impjegat tal-Enemalta) fejn talbu biex imur jassistih f'ispezzjoni f'*Ta' Cenc Discount Store*, Triq ta' Cenc, Sannat. Jghid li meta marru flimkien sabu l-*meter* tad-dawl *three-phase* imbaghbas. Jghid li l-*cover* kien mbewwaq. Jghid li fuq il-post kien hemm l-imputat li qallu li huwa s-sid tal-fond imsemmi li qallu li ma kien jaf b'xejn u li s-sid ta' qablu kien qallu li kellu xi hruq. Jghid li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Micallef Trigona. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mamrkat bhala Dok. "MS" (*a fol.* 53 *et seq.*).

In kontro-ezami jghid li ma rrizultalux kemm kien ilu mwahhal il-*meter* fuq il-post u anqas staqsa kemm lill-imputat kemm kien ilu li xtara l-proprjeta'.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011, xehed **Belinio sive Benny Vella** (*a fol.* 62) fejn xehed li f'Awwissu 2005 kien jaghmel xoghol ta' *linesman* mal-Enemalta. Ikkonferma x-xhieda moghtija minnu fl-Inkjesta Magisterjali, li tinsab *a fol.* 42 tal-process fejn qal li meta acceda fuq il-post in kwistjoni sab il-*cover* tal-*meter* imbewwaq bis-shana u qisu mbuttat il-gewwa. Jghid li ma kienx qed imiss mad-diska. Jghid li setgha jara diversi bziezaq fuq il-plastik tal-*cover* li aktarx kien effett tas-shana.

In kontro-ezami jghid li wiehed ma jkunx jista' jghid kemm il-*cover* in kwistjoni ikun ilu mbewwaq. Jghid li meta huma waslu fuq il-post in kwistjoni u raw il-*meter* ma raw l-ebda suspett illi l-konsum tal-elettriku kien qed jigi b'xi mod imbaghbas. Jghid li kienu marru fuq il-post biex jaghmlu spezzjoni ghall-gharrieda. Jghid li ma jkunx f'pozizzjoni jghid jekk kienx qed isir abbuz peress li l-abbuz isir meta l-*meter* ikun qed jissahhan.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013, (*a fol.* 103 *et seq.*), ikkonferma li l-*meter* in kwistjoni kien wiehed b'*cover* ohxon. Jghid li ma setghax jifhem ghala kien minfuh. Ikkonferma li l-*meter* kien qed jirregistra tajjeb. Mhux possibbli jghid kemm kien ilu mbewwaq. Jghid li kien jidher li ma kienitx xi haga ta' dakinhar u li tidher li kienet ilha hafna. Jghid li setgha gie mbaghbas u jista' ma kienx.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **Dr. Kevin Mompalao** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma r-relazzjoni tieghu fl-Inkjesta Magisterjali, liema relazzjoni tinsab *a fol.* 26 *et seq.*. Jghid li l-irregolarita' principali kienet fil-faccata fuq il-*cover* fejn jghid li jidher illi gie imsahhan, il-plastik jinhall u dak li jkun

jimbottaha 'l gewwa sabiex id-diska tal-*meter* tahbat maghha u jew izomm kompletament jew tisslowja. Jghid li meta l-*cover* jiksah, il-*cover* ha tibqa' maghquda u d-diska tahbat maghha. Jghid li jiftakar lill-imputat jallega li l-post kien xtrah minnghand xi hadd iehor. Jghid li din is-shana ma tistax tkun shana naturali. Jispecifika li jintuza xi *blower* jew permezz ta' bozza qawwija. Jghid li fil-kaz in kwistjoni fir-rapport tieghu kiteb li dan seta' kien *"attentat ta' serq"* u mhux *"serq"* peress li l-*meter* kien qieghed jimmarka normali. Jghid li dan il-*meter* twahhal bejn wiehed u iehor bejn l-1991 u l-1992.

In <u>kontro-ezami</u> jispecifika li f'dan il-kaz ma kienx hemm kaz ta' serq pero ta' attentat. Jghid li f'dan il-kaz ma rrizultax li l-plastik kien qed jahbat mad-diska. Jghid li mhux possibbli li wiehed jikkonstata meta saret is-shana in kwistjoni fuq il-plastik.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011, xehed **Alan Chetcuti** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn spjega li *meter* f'*Ta' Cenc Discount Store,* Sannat kien irraportat irregolari. Jispjega kif saru l-kalkoli tal-istima li saret liema stima giet tlahhaq is-somma ta' €6,158.66, li minnhom il-konsumatur hallas depozitu minghajr pregudizzju ta' €2,2329 u b'hekk fadal bilanc ta' €3,829. Ezebixxa stima li giet immarkata bhala Dok. "AC" (*a fol.* 67 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 93 *et seq.*), gie mistoqsi fuq il-kalkoli ta l-istima li ghamel hu. Jghid li huma qatt ma tkellmu mal-konsumatur. Jghid li mentri l-konsum tal-ilma baqa fl-istess livelli, il-konsum tad-dawl zdied. Jghid li verifiki minn taghhom ma sarux. Jixhed: *"Jiena qed inqabbel il-ghaliex hemm dak ir-reading anonimu ta' seventy nine (79) days qabel l-inspection fejn il-konsum sploda"* (*a fol.* 97). Meta mistoqsi jghid ghal liema perjodu qed jaghmel riferenza meta jghid *"seventy-nine (79) days"*, wiegeb bejn il-25 ta' Mejju 2005 u dakinhar tal-ispezzjoni, cioé fit-12

ta' Awwissu 2005 fejn gew registrati 164 units. Ezebixxa minuti tal-*file* li gew immarkati bhala Dok. "AC 1" (*a fol.* 99 *et seq.*).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 150 *et seq.*), rega' gie mistoqsi jispjega x'tip ta' analizi ghamlu biex jaghmlu l-kalkoli taghhom u jekk ghamlux distinzjoni bejn dawk li huma staguni tas-sajf u tax-xitwa jew hadux kollox f'daqqa. Jghid li jittiehed *average* ta' kollox. Ikkonferma li qabel ma nbidel il-*meter* in kwistjoni u nqala', kien hemm zieda fil-konsum ta' 164 units fuq qari relattivament qasir ta' 79 gurnata. Jghid li l-unika qari precedenti ghall-ispezzjoni kien qari aktar gholi. Jikkonferma li qatt ma kien hemm konsum daqshekk gholi meta nbidel il-*meter*. Jikkonferma li *cold room* tahli ammont ta' dawl u li f'kaz li tkun *cold room* kbira jkun hemm zieda notevoli hafna pero hu ma jistghax jikkwantifikah peress li m'huwiex inginier. Jghid li mill-qari jinnota anomalija fis-sena 2004, precizament bejn l-24 ta' Mejju 2004 u l-24 ta' Awwissu 2004 fejn kien hemm 37 units mentri fir-*reading* ta' qablu kien hemm 28. Ikkonferma li l-konsum tela' minn l-ahhar ta' Awwissu 2004 sa Novembru 2004. Jghid li minn Awwissu sa Novembru tela' iktar mis-sajf innifsu. Jghid li l-ghola qari kien dak ta' 164 units u komparat ma' ohrajn jghid li l-qari huwa gholi ghal hanut zghir. Ikkonferma li f'dan il-kaz l-imputat kellu spezzjoni ghall-gharrieda. Jghid li ghalih hemm hafna anomaliji fosthom li fis-sajf ta' qabel l-ispezzjoni kien hemm il-qari baxx u mbaghad zdied.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011, xehed ukoll **Ray Camilleri** (*a fol.* 72) fejn ikkonferma x-xhieda moghtija minnu fl-Inkjesta Magisterjali, li tinsab *a fol.* 42 tal-process, fejn qal li meta acceda fuq il-post in kwistjoni deher li l-*cover* tal-*meter* kien imsahhan tant li kien imbewwaq il-gewwa. Jghid li fil-plastik kien hemm hafna bziezaq ikkagunati aktar bis-shana. Jghid li d-diska kienet qed iddur regolari.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 88 *et seq.*), jghid li diska tal-*meter* kienet qed iddur u li l-*cover* u d-diska ma kienux qed imissu ma' xulxin. Jghid li ra tbewwieq fil-plastik li jigi minn shana peress li bis-shana jigri hekk. Jghid li l-unika haga li ra hazin hu li l-plastik tal-*cover* kien imbewwaq.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012, xehed **is-Supretendent Antonello Grech** (*a fol.* 75) fejn ikkonferma li huwa ghamel ir-rapport rigward l-Inkjesta Magisterjali, liema rapport jinsab *a fol.* 20 tal-process.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Frank Mercieca** (*a fol.* 76) fejn ikkonferma li huwa ha r-ritratti li jinsabu *a fol.* 47 tal-process.

**Frank Mercieca** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 78) fejn rega' xehed dak li xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2013, xehed l-imputat **Mario Bugeja** (*a fol.* 108 *et seq.*) fejn qal li l-fond *Ta' Cenc Mini Market*, Sannat akkwistah fis-sena 2002 minn ghand Mario Pisani. Ezebixxa dokument rilaxxat mill-Enemalta u l-kuntratt ta' akkwist li gew immarkati bhala Dok. "MB 1" u "MB 2" (*a fol.* 114 *et seq.*). Jghid li qabel dan il-fond kien *supermarket* u li kien ghamel zmien maghluq. Jghid li kien attrezzat bi *fridges* ecc. Jispjega li anke *meter* tad-dawl kien hemm peress li, jekk jiftakar sew, Pisani anke *fridge* tahdem kien baqghalu tahdem. Jghid li xtara l-post bil-*meter* diga mwahhal u li hu minn ghalih kien *three-phase*. Jghid li l-post kien *commercial*. Jixhed li dahal fil-post f'Novembru 2001, fethu f'Dicembru 2001 u l-kuntratt sar f' Marzu ta' wara. Mistoqsi jghid x'tip ta' kontijiet kien

jircievi, jekk hux baxxi, normali jew gholjin, jghid li ma kellux esperjenza ta' *supermarket* u b'hekk ma kienx jaf jekk kienux gholjin jew inkella baxxi. Jghid li kien l-ewwel hanut li kellu. Jghid li ghall-bidu kellu *fridge* wahda u l-kont kienet jidher ragonevoli hafna, fis-sens li kien jidher normali. Jghid li, jekk jiftakar sew, fil-bidu kellu: *"upright fridge*, zewg *upright fridge* u *freezer"* (*a fol.* 111). Jghid li dan kien fi zmien ix-xitwa fejn ma jkollux certu affarijiet bhal gelat u l-istagun ikun wiehed kajman. Jghid li maz-zmien beda jzid fil-*fridges* tant li kien hemm sena minnhom fejn kellu hafna *fridges* u kellu jnaqqas u xtara *cold room*. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, dan kien fis-sena 2005. Jghid li fis-sena 2004 kien zied xi zewg *fridges*. Jghid li fis-sena 2005 kien qed ikabbar in-negozju tant li fis-sena 2007 bieghu. Jghid li wara li saret l-ispezzjoni mertu tal-proceduri odjerni ma jidhirlux li kien hemm xi kambjament ta' barra minn hawn fil-kontijiet. Jghid li meta saret l-ispezzjoni kien gie mistoqsi jghid x'kien gara u dana wara li raw li l-majka ta' quddiem tal-*meter* kienet mbewqa u hu wiegeb li ma kienx jaf ghax hekk kien sabu. Mistoqsi jghid jekk il-*meter* li kien hemm fiz-zmien tal-ispezzjoni, kienx l-istess *meter* li kien hemm meta xtara l-post, wiegeb li l-*meter* ma biddlux. Jghid li huwa direttur fil-kumpanija tal-familja u li qatt ma kellu problema fuq xi *meters*. Jixhed li n-negozju tal-familja jikkonsisti f'kera ta' proprjeta' jew bini ta' proprjeta' jew barriera. Gie ezebiet rapport redatt minn Inginier li gie mmarkat bhala Dok.. "MB 3" (*a fol.* 119 *et seq*.).

Meta xehed quddiem l-Espert Tekniku Dr. Kevin Mampalao fl-Inkjesta Magisterjali (*a fol.* 41), qal li l-*meter* fil-fond in kwistjoni kien l-istess wiehed li kellu s-sid ta' qabel, Mario Pisani, u li ma kien mar hadd jara l-*meter* meta tbiddel is-sid. Jghid li ma jafx kif il-*cover* tal-*meter* gralu dak li gralu u li la hu u anqas hadd iehor inkarigat minnu ma ghamel hekk.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2014, xehed l-**Inginier Renzo Curmi** (*a fol.* 160 *et seq.*) fejn ikkonferma li hejja r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "MB 3" (*a fol.* 119 *et seq.*). Jghid li r-rapport ippreparah abbazi tal-kontijiet tal-Enemalta li jkopru l-perjodu 30 ta' Jannar 2003 sal-25 ta' Mejju 2006. Jghid li saret analizi tal-kontijiet insemmija u ttiehdet in konsiderazzjoni l-informazzjoni provduta mill-imputat. Jghid li, fost l-ohrajn, l-imputat qallu li f'Awwissu 2004 kien installa *freezers* addizjonali gol-*mini market* u f'Gunju tal-2005 kien installa *cold rooms* u *refregeration equipment*. Jghid li rrizultalu li l-ikbar qabza li kien hemm fil-konsum kien wara li giet nstallata l-*cold room* f'Gunju 2005. Jghid: *"d-diffikulta' li kellna, wahda, kienet l-ikbar wahda kienet li l-kontijiet tal-Enemalta ma johorgux b'mod regolari imma johorgu b'mod irregolari ghall-ahhar u apparti minn hekk meta johorgu mhux dejjem ikunu ibbazati fuq il-qari tal-arlogg imma bicca minnhom ikunu estimi. Mela fejn kien hemm estimi ma stajniex naghmlu analizi"* (*a fol.* 161). Jghid li hu bbaza ruhu fuq il-qari attwali u mhux fuq l-estimi. Tul id-depozizzjoni tieghu ta spjegazzjoni ta' dak li jirrizulta fir-rapport tieghu. Jghid ukoll: *"jekk niehdu dak il-perjodu ta' ezatt qabel ma nbidel il-meter, kif ghidna dak kien hemm zewg fatturi, l-ispjegazzjoni li nista' naghti jiena li kien hemm konsum iktar qawwi ghax zdied ir-refregeration equipement, il-cold rooms, u kien il-perjodu tas-sajf. Wara li nbidel il-meter, il-kontijiet kollha ta' wara huma iktar baxxi minn dak il-perjodu partikolari"* (*a fol.* 164). Mistoqsi jghid jekk dak li qallu l-imputat, fis-sens li zied il-*cold room* f'Gunju 2005, jaghmilx sens ghalih abbazi tal-kontijiet li ra, wiegeb: *"Fil-fatt huwa rifless f'dak il-perjodu ta' ezatt qabel ma nbidel l-arlogg tal-Enemalta. Jigifieri ghandna konsum qawwi qabel ma nbidel l-arlogg li skont l-ispjega li ghandi jaghmel sens iva"* (*a fol.* 164). Ikkonferma li jaghmel sens li biz-zieda tal-*cold room* f'Gunju kien hemm konsegwenza ta' zieda fil-konsum.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat li seraq kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u jinsab akkuzat ukoll li

ghamel hsara fuq il-*meter* tad-dawl ghad-dannu tal-istess Korporazzjoni. Il-qofol ta' kollox huwa peress li l-*cover* tal-*meter* instab mbewwaq u l-*meter* instab li ma kienx imwahhal tajjeb mal-hajt bil-konsegwenza li l-*meter* jista' jigi affettwat peress li d-diska li tirregistra l-konsum tad-dawl ma ddurx tajjeb.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu ppruvati *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma

jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri kontra l-imputat gew istitwiti wara li nghalqet l-Inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Inkwirenti f'liema Inkjesta Magisterjali gie konkluz hekk:

> "Issa rrizulta li dan il-fatt tal-ghatu kellu origini doluza ghalkemm materjalment ma wassalx biex jittiehed konsum illegali. L-espert, l-Avukat Mompalao, di fatti osserva li l-kaz kien jikkwalifika bhala attentat ta' serq u mhux serq proprju. Il-hsara li giet ikkagunata lill-apparat giet stmata Lm5.

> Inghad dan ghalhekk jirrizulta fuq bazi ta' *prima facie* li hemm bizzejjed materjal sabiex jittiehdu l-opportuni proceduri kif spjegat mill-espert, l-Avukat Mompalao" (*a fol.* 19)

Illi l-Qorti tinnota li kemm fl-Inkjesta Magisterjali u kif ukoll fis-smiegh tal-provi quddiem il-Qorti jirrizulta li setgha kien hemm attentat ta' serq u mhux ta serq *per se.* Minkejja dan, l-imputat gie akkuzat b'serq *per se*. Wara li nghad dan, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti:

- Meta sar l-access fuq il-post in kwistjoni, il-*meter* kien qed jahdem normali u kien qed jirregistra tajjeb.

- Il-*cover* tal-*meter* in kwistjoni kien imbewwaq. It-tbewwieq huwa kwistjoni ta' shana.

- Ma rrizultax jekk kienx hemm tracci ta' jekk din kienitx xi haga ricenti jew le. Fil-kontro-ezami tieghu, Belinio sive Benny Vella (*a fol.* 103) jghid li kien jidher li ma kienitx xi haga ta' dakinhar u tidher li kienet ilha hafna. Jghid ukoll li l-*meter* setgha gie mbaghbas u jista' ma kienx.

- Il-*wooden board* ma kienitx imwahhla sewwa mal-hajt.

- Il-*meter* kien ilu mwahhal ghal diversi snin u qabel kien isejjah lill-imputat, il-*meter* kien isejjah lil Mario Pisani.

- L-imputat cahad b'mod kontinwu li huwa kien jaf b'xi haga.

Illi, mehuda dawn kollha in konsiderazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza wkoll ghad-depozizzjoni moghtija minn Alan Chetcuti li hejja l-istima (Dok. "AC" –*a fol.* 67 *et seq.*). Jirrizulta li Chetcuti ma tkellimx mal-konsumatur. Chetcuti jispjega l-anomaliji li huwa nnota fil-konsum tad-dawl kemm qabel nbidel il-*meter* in kwistjoni u kif ukoll wara li dan inbidel.

Illi meta l-imputat ha l-pedana tax-xhieda huwa spjega li meta xtara l-fond, il-*meter* li kien hemm fil-fond baqa' l-istess wiehed. Jixhed dwar il-fatt li n-negozju tieghu kiber tant li minn semplici *fridge*, zied il-*fridges* sakemm fis-sena 2005 xtara *cold room*. Ikun opportun li ssir riferenza ghad-depozizzjoni moghtija mill-Inginier Renzo Curmi u ghar-rapport redatt minnu. Huwa minnu li l-Inginier Curmi tressaq bhala espert *ex parte* tal-imputat pero fl-istess waqt m'hemm xejn li jwaqqaf lill-Qorti milli tikkunsidra dak li huwa qal. *Di fatti*, l-Inginier ta spjegazzjonijiet plawsibbli ghala seta' kien hemm avarija fil-kontijiet ta' dawl. B'mod partikolari l-Qorti tinnota li l-Inginier Curmi rrizultalu li l-ikbar qabza li kien hemm fil-konsum kien wara li f'Gunju 2005 giet installata l-*cold room*. Huwa jsemmi wkoll il-fatt li l-kontijiet tal-Enemalta ma johorgux b'mod regolari (jew tal-anqas, ma kienux johorgu b'mod regolari) u li gie li jinhargu bbazati mhux fuq il-qari tal-*meter per se* pero jkunu estimi. Minghajr mal-Qorti tnaqqas b'xi mod il-hidma li wettaq l-Inginier Curmi fl-ezercizzju li huwa ghamel, m'hemmx ghalfejn wiehed ikun Inginier biex wiehed jasal ghal dak li ghadu kemm inghad u li ndika l-Inginier Curmi. Hija din ir-raguni ghala l-Qorti thossha libera li taghmel riferenza ghad-depozizzjoni moghtija minn Curmi u ghar-rapport redatt minnu. Ovvjament, Curmi ghamel ezercizzju aktar approfondiet milli setghet taghmel il-Qorti wara li huwa analizza l-kontijiet *per se*. Meta l-Inginier Curmi gie mistoqsi jghid jekk dak li qallu l-imputat, fis-sens li zied il-*cold room* f'Gunju 2005, jaghmilx

sens ghalih abbazi tal-kontijiet li ra, wiegeb: *"Fil-fatt huwa rifless f'dak il-perjodu ta' ezatt qabel ma nbidel l-arlogg tal-Enemalta. Jigifieri ghandna konsum qawwi qabel ma nbidel l-arlogg li skont l-ispjega li ghandi jaghmel sens iva"* (*a fol.* 164). Curmi kkonferma li jaghmel sens li biz-zieda tal-*cold room* f'Gunju kien hemm konsegwenza ta' zieda fil-konsum.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni tinnota li z-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Mario Bugeja hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, *stante* li l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------